# St. Catherine's High School



# First Holy Communion Commemoration Mass

## 24th June 2010

***Bidu tal-Quddiesa:***

**ĦDEJK JIEN ĠEJT MULEJ**

Jien tas-sema u l-art is-sid
Smajt ta' ġensi d-dmugħ u l-krib
Kull min jgħix fid-dlam u d-dnub
Neħilsu fis.

Jien li ħlaqt il-kwiekeb sbieħ
Dlam f'dawl nibdel minnfih
Min se jwassal dan id-dawl?
Nibgħat lil min?

*Rit:* Ħdejk jien ġejt Mulej
Lili trid, Mulej?
Leħnek smajtu fil-ħemda tal-lejl
Jien immur fejn trid
Jekk tmexxini Int
F'qalbi ngħożż il-poplu l' Int għażilt.

Jien tal-ksieħ u s-sħana s-sid
Doqt l-uġigħ ta' ġens marid
Għax ħabbejthom lilhom bkejt
'Ma tawni l-ġenb.

Qlubhom iebsa nibdel jien
U nkebbishom bin-nirien
Jien ngħidilhom li nixtieq
Nibgħat lil min?

*Rit:* Ħdejk jien ġejt Mulej

***Il-Liturġija tal-Kelma:***

**L-Ewwel Qari:**

*Qari mill-Ittra lill-Kolossin*

Intom il-magħżulin ta' Alla, il-qaddisin u l-maħbubin tiegħu. Ilbsu mela sentimenti ta' ħniena, tjieba, umiltà, ħlewwa u sabar. Stabru b'xulxin, u, jekk xi ħadd minnkom ikollu xi jgħid ma' ħaddieħor, aħfru lil xulxin; bħalma l-Mulej ħafer lilkom, hekk agħmlu intom ukoll. U fuq kollox ilbsu l-imħabba, li hi l-qofol tal-perfezzjoni. Ħalli s-sliem ta' Kristu jsaltan fi qlubkom, dak is-sliem li għalih kontu msejħa biex issiru ġisem wieħed. U ta' dan roddu ħajr lil Alla. Kull ma tagħmlu jew tgħidu, agħmlu kollox f'isem il-Mulej Ġesú, u roddu ħajr lil Alla l-Missier permezz tiegħu.

Il-Kelma tal-Mulej

*Inroddu ħajr lil Alla*




**Salm Responsorjali**

*Flimkien:* Mulej, kemm hu kbir ismek fl-art kollha!

Mulej, Sid tagħna,
kemm hu kbir ismek fl-art kollha!
Int qegħidt is-sebħ tiegħek il fuq mis-smewwiet.
Int, li s-sebħ tiegħek igħannih
fomm it-tfal u t-trabi tal-ħalib;
int, li bnejt sur kontra l-egħdewwa,
biex iġġib fix-xejn il-għadu u 'l min iqum kontrik.

*Flimkien:* Mulej, kemm hu kbir ismek fl-art kollha!

Inħares lejn is-smewwiet, egħmil subgħajk,
il-qamar u l-kwiekeb li inti qegħidt fihom!
Xinhu l-bniedem biex tiftakar fih,
bin il-bniedem, biex taħseb fih?

*Flimkien:* Mulej, kemm hu kbir ismek fl-art kollha!

Ftit inqas mill-allat għamiltu,
bis-sebħ u l-ġmiel żejjintu,
qegħidtu fuq l-egħmejjel kollha ta' idejk!

*Flimkien:* Mulej, kemm hu kbir ismek fl-art kollha!

Kollox taħt riġlejh qegħidtlu:
in-ngħaġ u l-baqar kollha, sa l-bhejjem tax-xagħri;
l-agħsafar tal-ajru u l-ħut tal-baħar,
dak kollu li jterraq fil-baħar.
Mulej, Sid tagħna,
kemm hu kbir ismek fl-art kollha!

*Flimkien:* Mulej, kemm hu kbir ismek fl-art kollha!

**Allelluja**

Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej, u l-ispirtu tiegħI ji-fraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi. Allelluja.

**Evanġelju**

*Qari mill-Evanġelju skont San Mark*

Ġibulu quddiemu xi tfal ċkejknin biex iberikhom, iżda d-dixxipli tiegħu qabdu jgħajtu magħhom. Ġesú, meta ra hekk, inkorla u qalilhom: "Ħalluhom it-tfal iż-żgħar jiġu għandi; iżżommuhomx, għax ta' min hu bħalhom hija s-Saltna ta' Alla. Tassew, ngħidilkom, li min is-Saltna ta' Alla ma jilqagħhiex b'qalb ta' tifel ċkejken ma jidħolx fiha." Imbagħad ħaddanhom miegħu u qiegħed idejh fuqhom u berikhom.

Il-Kelma tal-Mulej

*Tifħir lilek Kristu*

***Waqt l-Offerti:***

**AMAZING GRACE**

Amazing Grace, how sweet the sound,
That saved a wretch like me.
I once was lost but now am found,
Was blind, but now I see.

T'was Grace that taught my heart to fear.
And Grace, my fears relieved.
How precious did that Grace appear
The hour I first believed.

Through many dangers, toils and snares
I have already come;
'Tis Grace that brought me safe thus far
and Grace will lead me home.

The Lord has promised good to me.
His word my hope secures.
He will my shield and portion be,
As long as life endures.

Yea, when this flesh and heart shall fail,
And mortal life shall cease,
I shall possess within the veil,
A life of joy and peace.

When we've been here ten thousand years
Bright shining as the sun.
We've no less days to sing God's praise
Than when we've first begun.



***Wara l-Konsagrazzjoni:***

**HU L-MULEJ**

Hu l-Mulej, hu l-Mulej
Huwa qam minn bejn l-imwiet
Għax hu l-Mulej
Kull irkoppa tmil, kull ilsien jistqarr
Ġesù, hu l-Mulej.

***Waqt it-Tqarbin:***

**HOW GREAT THOU ART**

Lord my God! When I in awesome wonder
Consider all the works thy hand hath made,
I see the stars, I hear the mighty thunder,
Thy power throughout the universe displayed;

*Ref.* Then sings my soul, my Saviour God, to Thee,
How great Thou art, how great Thou art!
Then sings my soul, my Saviour God, to Thee,
How great Thou art, how great Thou art!

And when I think that God his son not sparing,
Sent him to die - I scarce can take it in,
That on the cross my burden gladly bearing,
He bled and died to take away my sin:

*Ref.* Then sings my soul, my Saviour God, to Thee,

When Christ shall come with shout of acclamation
And take me home- what joy shall fill my heart!
Then I shall bow in humble adoration
And there proclaim, my God, how great thou art!

*Ref.* Then sings my soul, my Saviour God, to Thee,

***Egħluq tal-Quddiesa:***

**AS I KNEEL BEFORE YOU**

As I kneel before you,
As I bow my head in prayer,
Take this day, make it yours
and fill me with your love.

*Ref.* Ave Maria,
Gratia plena,
Dominus tecum,
Benedicta tu.

All I have I give you,
Every dream and wish are yours,
Mother of Christ,
Mother of mine, present them to my Lord.

*Ref.* Ave Maria, gratia plena

As I kneel before you,
And I see your smiling face,
Ev'ry thought, ev'ry word
Is lost in your embrace.

*Ref.* Ave Maria, gratia plena



Dear Jesus,
Come into our hearts and hear us as we pray:
Stand beside us, bless and guide us, always, day by day.



Congratulations to all our First Holy Communion girls and boys.

| | |
|---|---|
| Agius Josue | Comes Mattia |
| Arrigo Jordan Cain | Cordina Paul |
| Azzopardi Jacob | Fabri Luke |
| Bajada Martin Pawex | Galea Emily |
| Barbara Kim | Galea Mandy |
| Bondin Julian | Govus Jake |
| Borg Cherubine | Hamilton Emma |
| Borg Jade | Magri Kelvin |
| Borg Ferrando Daniel Luke | Montesin Francesca Marie |
| Buhagiar Jake | Pace Alec |
| Cachia Fearne Matthew | Pace Ella |
| Calleja Daniel | Pace Oliver Anthony |
| Camilleri Jake-John | Schembri Mathias Anthony |
| Camilleri Luciano | Schembri Nicola |
| Cardona Kristina | Scicluna Hannah |
| Cauchi Karl | Sultana Zoya |
| Cini Francesco | |